**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-ErbgĦa 19 ta' April, 2017**

**Talba Nru: 525/2016PA**

**Tabone Kenneth**

**vs**

**Vella Sandro**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-17 ta' Novembru 2016 li permezz tiegħu l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta' tlett elef u mitejn Ewro (€3,200.00), dovut in konnessjoni mat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, in rappreżentanza għall-ħlas ta' salarju dovut, kif ukoll l-ammont lilu spettanti ta' ġranet ta' leave *pro rata*, ħlas ta' *notice* u *bonus,* wara li ppremetta illi l-konvenut ġie interpellat li jħallas, iżda baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża. L-attur talab ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra interpellatorja datata 12 ta' Lulju 2016, u tal-ittra uffiċjali datata 29 ta' Lulju 2016.

Ra r-Risposta tal-konvenut, preżentata fit-18 ta' Jannar 2017, li permezz tagħha eċċepixxa li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser ikun pruvat waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża.

Sema’ x-xiehda tal-attur Kenneth Tabone li ddikjara li huwa kien jaħdem bħala *helper* mal-konvenut, fis-settur tal-*catering*. Xehed li spiċċa minn dan ix-xogħol fix-xahar ta’ Ġunju 2016, u meta spiċċa kien baqagħlu jieħu mingħand il-konvenut is-somma ta’ tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500.00), rappreżentanti pagi ta’ xogħol b’lura li laħaq wettaq għall-konvenut. Qal li dan il-ħlas lill-konvenut talabhulu diversi drabi, u l-konvenut dejjem wiegħdu li ser iħallsu, pero’ l-flus qatt ma waslu.

Ra li l-konvenut naqas li jidher quddiem it-Tribunal, u naqas ukoll li jressaq il-provi tiegħu fl-udjenza tal-erbgħa (4) ta’ April tas-sena elfejn u sbatax (2017) imħollija għal dan l-iskop, u lanqas ta raġuni għalxhiex naqas li jagħmel dan.

Ra li t-Tribunal ħalla din il-kawża għas-sentenza għallum.

Ikkunsidra:

Illi mix-xiehda tal-attur jirriżulta li dan kellu kuntratt ta’ xogħol mal-konvenut, liema kuntratt ġie terminat qabel ġiet intavolata din il-kawża, u li l-attur fadallu jirċievi mingħand il-konvenut ħlas dovut għal xogħol imwettaq minnu fl-eżekuzzjoni ta’ dak il-kuntratt.

Illi għalkemm l-attur xehed li baqagħlu jieħu s-somma ta’ tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500.00) mingħand il-konvenut, dan it-Tribunal huwa marbut bit-termini tat-Talba, li tindika s-somma mitluba fl-ammont ta’ tlett elef u mitejn Ewro (€3,200.00).

Illi l-konvenut naqas li jressaq provi biex isostni d-difiża tiegħu li t-talba tal-attur hija mingħajr fondament legali u fattwali.

Iqis li t-talba tal-attur hija suffiċjentement pruvata, fuq bażi ta’ bilanċ ta’ probabilitajiet.

Kwantu għall-ispejjeż mitluba, l-attur naqas li jipproduċi provi tal-ittra interpellatorja tat-12 ta' Lulju 2016, u tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Lulju 2016, u għalhekk it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba tiegħu fir-rigward tal-ispejjeż relattivi.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' limitatement it-talba tal-attur, u jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta' tlett elef u mitejn Ewro (€3,200.00).

L-ispejjeż tal-kawża jibqgħu a karigu tal-konvenut.

**Avukat, Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**